MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 769/2005

**John Azzopardi (ID no. 269151M)**

**vs**

**Attard Bros. Company Limited (reg no C3599) u George Bonello (ID 481968M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta’ Awwissu 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa impjegat mas-socjeta’ konvenuta.

Illi fit-28 ta’ Mejju 2004 waqt li l-attur kien fuq il-lant tax-xoghol gewwa s-Swieqi huwa sofra dannu permanenti f’ghajnejh il-leminija meta waqt li l-konvenut George Bonello kien qed juza *chaser* taret bicca hadida li laqtet lill-attur f’ghajnejh il-leminija u kkagunatlu dizabbilta’ permanenti kif certifikat mit-Tabib Dr. Jan Janula.

Illi dan l-incident gara unikament minhabba tort jew negligenza u/jew nuqas ta’ osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti, jew min minnhom u nuqqas ta’ sigurta’ fuq il-post tax-xoghol, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti gew interpellati anke ufficjalment sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti *in solidum*, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Gunju 2005 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 20 ta’ Settembru 2005 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu micjuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma garax b’tort tal-eccipjenti jew ta’ persuni illi ghalihom hija responsabbli s-socjeta` eccipjenti jew altrimenti illi ghalihom ghandha skop il-Ligi tirrispondi izda minhabba cirkostanzi ghal kollox indipendententi mill-kontroll tas-socjeta` eccipjenti u tal-impjegati taghha hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi *in oltre*, l-eccipjenti tirriserva d-dritt illi tikkontrolla l-ezistenza u l-grad tad-disabbilta` allegata mill-attur u d-danni minnu riklamati.

3. Salv eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 12 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Bonello (karta tal-identita` 481968M) datata 20 ta’ Settembru 2005 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu micjuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma garax b’tort tal-eccipjenti izda minhabba cirkostanzi ghal kollox indipendententi mill-eccipjent hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi *in oltre*, l-eccipjenti jirriserva d-dritt illi jikkontrolla l-ezistenza u l-grad tad-disabbilta` allegata mill-attur u d-danni minnu riklamati.

3. Salv eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut George Bonello a fol. 16 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 18 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata tal-affidavit tal-attur u prospett tad-danni emergenti pretizi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-17 ta’ Jannar 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex izzomm is-seduta ghall-provi tal-partijiet.

Rat ir-rikors tal-attur John Azzopardi datat 27 ta’ Frar 2006 a fol 26 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tinnomina espert mediku oftalmiku sabiex jirrelata dwar id-dizabbilta` permanenti sofferta mill-esponent; il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti; rat il-*visto* tad-difensuri tal-kontro-parti u appuntat bhala Espert Mediku lil Dr. Ivan Vella a spejjez provizorjament attrici, kif jidher bid-digriet moghti fil-31 ta’ Mejju 2006 a fol 30 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Novembru 2006 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo a spejjez provizorjament tal-attur.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Mr. Ivan Vella pprezentat fil-11 ta’ Dicembru 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Marzu 2009 fejn il-Qorti rat in-nota tal-partijiet datata 1 ta’ Dicembru 2008 u nnominat bhala espert dwar is-sahha u s-sigurta’ fuq ix-xoghol (fol. 59) sabiex jassisti lill-Perit Legali lil Lawrence Cachia, spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur John Azzopardi datata 15 ta’ Settembru 2010 a fol 153 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti Attard Brothers Company Limited (C-3599) u George

Bonello (ID 481968) datata 20 ta' Ottubru 2010 a fol 176 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo (fol 197 et seq) u l-Perit Tekniku Lawrence Cachia (fol 340 et seq) ipprezentat fir-registru fit-12 ta' Jannar 2011 u mahluf fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tad-19 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Massimo Vella ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Robert Mangion ghall-attur prezenti. Dr. Vella nforma l-Qorti li Dr. Alessia Zammit Mckeon ghas-socjeta` konvenuta xtaqet li tipprezenta nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet erbghin (40) gurnata ghall-prezentata tal-istess bin-nofitika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dwar ir-responsabilita` fil-kaz tal-konvenut George Bonello jirrizulta li r-relazzjoni legali bejn l-attur u l-konvenut Bonello hija wahda estra-kuntrattwali, u ghalhekk ir-responsabilita` o meno ta' l-istess konvenut ghall-incident de quo trid tigi analizzata fil-kuntest tal-provvedimenti ta' l-**artikolu 1030 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdu testwalment is-segwenti:-

*"Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies illi jmiss, ma jwegibx ghall-hsara illi tigri b'dan l-uzu".*

Illi l-**artikolu 1031** jipprovdi li:-

*"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu".*

Illi l-**artikolu 1032** mbaghad jghid li:-

(1) *"Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

(2) *"Hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-Ligi, ghall-hsara illi tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar".*

Illi l-**artikolu 1033** jipprovdi li:-

*"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb illi jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos illi jaghmel xi haga ill biha jikser xi dmir impost mil-Ligi, huwa obbligat ghall-hsara illi tigri minhabba f'hekk".*

Illi b'hekk, sabiex il-konvenut Bonello jinstab responsabbli ghall-incident *de quo*, irid jigi stabbilit illi tali incident sehh bhala rizultat ta' nuqqas ta' prudenza, diligenza jew hsieb da parti ta' l-istess konvenut ai termini tal-Ligi u illi d-danni pretizi mill-attur sehhew bhala rizultat ta' l-istess agir kolpevoli da parti ta' l-istess konvenut (**"Charles Gauci et vs Maria Borg Mizzi et nomine"** (P.A. (JRM) - 25 ta' Novembru 2004).

Illi l-attur jissottometti illi l-konvenut Bonello kien responsabbli ghall-incident *de quo* primarjament ghaliex meta ra illi l-uniku mqass disponibbli fuq il-lant tax-xoghol kien qieghed igerrem ix-xibka, huwa naqas illi jitlob

imqass adattat, u minflok ghazel illi jaghmel uzu mic-*chaser*. Skond l-attur dan l-incident sehh proprju ghaliex f'dan il-kaz intuza c-*chaser* li skond Perit Tekniku jikkonferma illi l-procedura illi x-xibka ta' l-azzar tinqata' permezz tac-*chaser* ta' l-elettriku kienet effettivament l-iktar procedura perikoluza illi setghet intuzat fil-kuntest ta' *Risk Assessment*.

Illi l-attur imbaghad ikompli jattribwixxi r-responsabilita` lill-konvenut Bonello billi jissottometti illi l-istess konvenut kien negligenti wkoll meta huwa kien qieghed jopera c-*chaser* peress illi:-

- Naqas illi javza lil dawk madwaru illi kien ser jibda juza c-*chaser*;

- Filwaqt illi ta dahru lil dawk illi kien hemm fl-area, il-konvenut Bonello qaghad f'pozizzjoni illi wasslet sabiex ix-xrar tac-*chaser* tar fid-direzzjoni fejn kienu l-foreman u l-attur; u

- Meta kien qieghed jopera c-*chaser*, huwa pogga sieq wahda fuq ix-xibka u beda jaqta' bic-*chaser*, mill-boghod ghall-vicin. Skond l-attur, hemm diversi rizorsi fuq l-internet illi jipprofessaw illi l-prattika t-tajba hija illi meta jkun qieghed jigi operat ic-*chaser*, dana jithalla jinzel b'effett ta' gravita` minn fuq ghal isfel minghajr sforz zejjed.

Illi dwar dan din il-Qorti taqbel ma' dak li sostniet il-Perit Legali dwar l-istess fejn sostniet li dwar l-ghazla li jintuza c-*chaser* mill-provi jirrizulta illi dakinhar ta' l-incident, l-attur u l-konvenut Bonello kienu assenjati x-xoghol illi jifirxu xibka ta' l-azzar fuq is-saqaf illi kienu qieghdin jahdmu fuqu fil-gimghat precedenti. Il-konvenut Bonello jispjega illi x-xibka kienet akbar milli kien jinhtieg u ghalhekk, huwa flimkien ma' l-attur, bdew jaqtghu l-istess xibka permezz ta' mqass kbir madwar tliet piedi. Huwa jkompli illi meta x-xibka ddahhlet fis-saqaf u fit-travu, irrizulta illi whud mill-vireg gew kemmxejn twal – madwar nofs pulzier itwal milli kien hemm bzonn. Gara illi l-imqass ma bediex jaqbad din l-estensjoni qasira ta' vireg illi

kellhom jinqatghu (kien qieghed igerrem), u skond l-istess konvenut, huwa u l-attur iddeciedew illi jaqtghu il-vireg rimanenti permezz tac-*chaser*. Tali verzjoni hija ghal kollox kontestata mill-attur illi fl-ewwel lok jinsisti illi t-tul zejjed fil-vireg illi kellhom jinqatghu kien ta' madwar pulzier, u fit-tieni lok jichad illi huwa qatt kien involut fil-qtugh tax-xibka jew fid-decizjoni illi x-xibka tinqata' permezz tac-*chaser*. L-attur jinsisti illi f'dan il-kaz ma kellu qatt jintuza c-*chaser*. Il-foreman Eddie Attard xehed illi d-decizjoni illi jintuza c-*chaser* ittiehdet minnu u mill-konvenut Bonello. Huwa jkompli jispecifika illi l-prassi tas-socjeta` konvenuta hija illi ghandu dejjem jintuza l-imqass, b'dan illi meta dana ma jkunx possibbli, allura jintuza c-*chaser*.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-provi li l-konvenut Bonello kien involut fid-decizjoni illi jintuza c-*chaser*, mentri huwa biss il-konvenut Bonello stess illi jallega illi l-attur ukoll kien involut f'tali decizjoni. B'danakollu, u kien x'kien l-involviment ta' l-attur f'dina d-decizjoni, l-aktar punt saljenti huwa illi l-konvenut Bonello kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn, filwaqt illi nghata struzzjonijiet mis-superjuri tieghu sabiex jifrex ix-xibka fuq is-saqaf in kwistjoni, ma giex supplit bl-ghodda adattata sabiex jaghmel xogholu. Kien ghalhekk illi ttiehdet id-decizjoni illi jintuza c-*chaser* minflok l-uniku mqass disponibbli illi ma bediex jaqta' sew. F'dan ic-cirkostanzi la darba kien hemm limitazzjonijiet dwar l-uzu tal-ghodda disponibbli hemm is-sentenza fl-ismijiet **"Anthony D'Anastasi vs Korporazjoni Enemalta"** (P.A. (JA) – 28 ta' Gunju 2005) fejn inghad li:-

*"Huwa facli ghal dak illi jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghaliex uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigurta`, izda fuq kollox l-impjegat ikun qieghed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda, jkun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti illi wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu illi kien ahjar li hasel idejh."* (**"Anthony sive Twanny u Michelle konjugi Frendo vs Italmal Machinery Limited"** (P.A. (JA) - 10 ta' Ottubru 2005).

Illi tenut kont ta' dan fil-kaz appena citat, is-socjeta` konvenuta kienet instabet unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' dawk il-proceduri, in vista tan-nuqqas taghha illi tipprovdi lill-impjegati *b'a safe system of work*. Similment f'dan il-kaz japplikaw l-istess principji b'dan li l-konvenut Bonello ma jistax ragjonevolment jinstab responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur ghaliex fil-limitazzjonijiet illi gie rinfaccjat bihom, accetta illi jahdem bl-unika alternattiva illi kellu sabiex ikompli b'xogholu, ossia illi juza c-*chaser*.

Illi dwar il-metodu adoperat mill-konvenut Bonello waqt illi kien qieghed iqatta' bic-*chaser* l-attur jghid li Bonello kien messu avza lil dawk ta' madwaru illi huwa kien ser juza c-*chaser*. F'dan ir-rigward, il-Perit Legali irrilevat li kien hemm kunflitt fil-provi prodotti, ghaliex l-attur ighid li huwa ma kienx jaf illi kien ser jintuza c-*chaser* u illi huwa ntebah illi kien qieghed jintuza c-*chaser* biss zewg sekondi qabel ma sehh l-incident, meta sema l-hoss. Il-konvenut Bonello, min-naha l-ohra jinsisti illi l-attur stess kien involut fid-decizjoni illi jintuza c-*chaser*, u kwindi kien kjarament konsapevoli ta' l-uzu ta' l-istess. Ciononostante, l-attur kien qieghed jiddiskuti x-xoghol flimkien mal-Perit inkarigat u mal-foreman Eddie Attard, fil-vicinanzi ta' fejn il-konvenut Bonello kien qieghed jahdem.

Illi hemm ukoll diskrepanza fil-verzjonijiet moghtija mill-attur u l-konvenut Bonello dwar kemm lahqu nqatghu vireg permezz tac-*chaser* sa ma sehh l-incident. L-attur jinsisti illi huwa lahaq sema' c-*chaser* jahdem ghal biss zewg sekondi qabel ma sehh l-incident, filwaqt illi l-konvenut Bonello jixhed illi sa ma sehh l-incident, huwa kien lahaq qata' madwar hmistax-il virga permezz tac-*chaser*.

Illi issa jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni tal-konvenut Bonello, allura wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi kieku ried, l-attur kellu bizzejjed zmien sabiex jallontana ruhu mill-konvenut Bonello, u kwindi kull nuqqas da parti ta' l-attur f'dan is-sens iwassal ghal kontribuzzjoni ta' l-istess attur ghad-danni minnu sofferti.

Illi b'danakollu, jirrizulta li kif qalet il-Perit Legali hemm provi cirkostanzjali illi jindikaw illi l-attur kien konsapevoli sew ta' dak illi kien qieghed isir. L-attur kien konxju tal-fatt illi x-xibka giet kbira, u li l-imqass ma kienx adattat sabiex jinqatghu l-loqom zejda. Ghalhekk, il-Qorti bhal Perit Legali hija tal-fehma illi l-fatt illi l-konvenut Bonello naqas milli javza lil dawk ta' madwaru illi ser juza c-*chaser* ma jfissirx illi l-attur ma kienx konxju ta' dan l-uzu.

Illi t-tieni argument ta' l-attur dwar l-operat tal-konvenut Bonello huwa fis-sens illi meta ghazel illi jaghti dahru lil dawk illi kien hemm fl-area, l-istess konvenut qaghad f'pozizzjoni illi wasslet sabiex ix-xrar tac-*chaser* tar fid-direzzjoni fejn kienu l-foreman u l-attur. F'dan ir-rigward, l-esponenti Perit Legali taghmel referenza ghall-konkluzjonijiet milhuqa mill-esponenti Perit Tekniku fis-sens illi fuq lant tax-xoghol bhal dak in kwistjoni, kien ikun ghaqli li kieku l-impjegati kollha gew suppliti *b'safety glasses* u li kieku saret barrier permezz ta' materjal bhal hard board jew injam, bejn l-operatur tac-*chaser* u l-persuni l-ohrajn fuq il-lant. L-esponenti Perit Tekniku fil-fatt jikkonkludi illi kieku tali mizuri ittiehdu, flimkien ma' mizuri ohrajn preventivi u protettivi, allura dan l-incident seta' facilment jigi evitat. In vista ta' din il-konkluzjoni teknika, l-esponenti Perit Legali hija konvinta illi l-causa prossima ta' dan l-incident ma kienitx il-pozizzjoni illi fiha l-konvenut Bonello kien qieghed jopera c-*chaser*, izda pjuttost il-fatt illi fuq il-lant tax-xoghol ma ttiehdux il-mizuri protettivi u preventivi necessarji skond il-Ligi, minn min ihaddem, ossia s-socjeta` konvenuta Attard Brothers Limited. Effettivament it-tehid ta' tali mizuri ma kienx fil-kompitu tal-konvenut Bonello, u ghalhekk l-esponenti Perit Legali hija ta' l-umili fehema illi lanqas f'dan il-kaz ma jkun gust illi wiehed jattribwixxi xi forma ta' responsabilita` lill-istess konvenut.

Illi fl-ahhar nett, l-attur jissottometti illi meta kien qieghed jopera c-*chaser*, il-konvenut Bonello pogga sieq wahda fuq ix-xibka u beda jaqta' bic-*chaser*, mill-boghod ghall-vicin, minflok ma opera l-prattika gusta (dejjem skond l-attur) billi halla c-*chaser* jinzel b'effett ta' gravita` minn fuq ghal isfel minghajr sforz zejjed. L-attur jibbaza dina s-

sottomissjoni tieghu fuq “diversi rizorsi mill-internet” illi huwa naqas illi jesebixxi jew jikkwota b’mod preciz in atti, izda sempliciment semma b’mod vag. B’danakollu, effettivament il-Perit Tekniku jikkonkludi illi c-*chaser* ma kellu qatt jigi utilizzat f’dan il-kaz, u ghalhekk kien x’kien il-mod adoperat mill-konvenut Bonello fl-uzu tac-*chaser*, dan ma ghandux jigi addebitat b’responsabilita` f’dan ir-rigward. Dan oltre ghall-fatt illi meta wiehed jaqta’ bic-*chaser* mill-boghod ghall-vicin, effettivament ikun qieghed jahdem bil-gravita`. Il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni teknika u legali ta’ l-esperti hawn nomninati fis-sens li kieku ttiehdu l-prekawzjonijiet ta’ sigurta` elenkati mill-esponenti Perit Tekniku, minn min ihaddem, l-incident *de quo* ma kienx isehh u ghalhekk il-konvenut Bonello mhux tenut responsabbli ghall dan l-incident.

Illi dwar ir-responsabilita` fil-kaz tas-socjeta` konvenuta Attard Brothers Limited l-attur jibbaza l-argument tieghu dwar ir-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta ghall-incident de quo fuq zewg binarji: -

- Fl-ewwel lok, jargumenta illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-agir allegatament kolpuz tal-konvenut Bonello, bl-applikazzjoni tal-principji *culpa in eligendo u culpa in vigilando*

Illi f’dan ir-rigward il-konvenuti jargumentaw illi l-principji ta’ culpa in eligendo u culpa in vigilando japplikaw biss fil-kaz ta’ relazzjonijiet estra-kuntrattwali. Skond il-konvenuti, ir-relazzoni guridika bejn l-attur qua l-impjegat u s-socjeta` konvenuta qua min ihaddem, hija wahda essenzjalment kuntrattwali. Ghaldaqstant, jissottomettu l-konvenuti, il-principji ta’ *culpa in eligendo u culpa in vigilando* ma jistghux japplikaw f’dan il-kaz.

Illi pero’ l-argument da paret tal-konvenuti ma huwiex korrett in kwantu f’dan il-kaz hemm zewg relazzjonijiet guridici involuti bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta. Fl-ewwel lok, hemm ir-relazzjoni guridika kuntrattwali, intrinsikament naxxenti mill-kuntratt ta’ l-impieg, illi tirrikjedi illi s-socjeta` konvenuta bhala min ihaddem tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place work* ghall-

impjegati taghha. Izda mbaghad hemm ukoll il-kwistjoni ta’ l-ghazla maghmula mis-socjeta` konvenuta fil-persuna tal-konvenut Bonello bhala impjegat taghha. L-allegazzjoni tal-*culpa aquiliana* fil-kaz tal-konvenut Bonello, impjegat mis-socjeta` konvenuta, twassal ghal rapport guridiku iehor bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta, ghal kollox indipendenti mill-kuntratt ta’ l-impieg bejn l-attur u l-istess socjeta` konvenuta. F’dan ix-xenarju l-attur qieghed jibbaza s-sottomissjoni tieghu fuq il-konsegwenzi naxxenti mill-allegata negligenza da parti tal-konvenut Bonello. Ghalhekk il-principji ta’ *culpa in eligendo* u *culpa in vigilando*, l-attur qieghed jinvokahom fil-kuntest tar-relazzjoni estra-kuntrattwali. Effettivament huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi r-relazzjoni kuntrattwali ma teskludix dik estra-kuntrattwali u dan huwa kkonfermat bis-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Busuttil vs Emmanuele Schembri”** (A.C. - 19 ta’ Frar 1954 - Vol. 38A i.292) fejn gie enuncjat illi:-

*“L-azzjoni ghad-danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta’ sentejn meta d-dannu huwa derivanti minn kwazi-delitt, jigifieri fil-kaz ta’ kolpa akwiljana; u mhux ukoll fil-kaz ta’ kolpa kuntrattwali. Huwa veru illi mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta’ haddiehor fl-adempiment ta’ kuntratt tikkostitwixi kolpa kuntrattwali, pero` biex il-kolpa ma tkunx kuntrattwali, jehtieg illi dik il-kolpa ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk, anki fil-prezenza ta’ kuntratt, jiddependi mic-cirkostanzi l-gudizzju jekk il-kolpa illi wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Jigifieri meta hemm kuntratt, il-kolpa tista’ tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali”.*

Illi ghalhekk, kieku effettivament irrizultat *culpa aquilliana* da parti tal-konvenut Bonello, il-principji ta’ *culpa in eligendo u culpa in vigilando* kienu jkunu applikabbli. Madankollu, galadarba f’dan il-kaz ma tirrizultax il-kolpa akwiljana da parti tal-konvenut Bonello, lanqas ma tista’ tirrizulta l-kolpa tas-socjeta` konvenuta fid-dawl tal-principji *culpa in eligendo* u *culpa in vigilando.*

Illi ghaldaqstant il-Qorti sejra tillimita l-kunsiderazzjonijiet taghha ghar-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta kif tista' tirrizulta in vista tar-relazzjoni kuntrattwali taghha ma' l-attur. Hawn huwa jissottometti illi s-socjeta` konvenuta naqset illi tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place of work.* In sostenn ta' din is-sottomissjoni tieghu, l-attur jikkwota l-kazistika relattiva, kif ukoll ir-**Regolamenti 2 u 5 ta' l-Avviz Legali 44 ta' l-2002 (LS 424.15)**.

Illi l-konvenuti min-naha l-ohra filwaqt li jaghmlu riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Francis Buhagiar et vs Is-Segretarju ta' l-Ufficcju tal-President tar-Repubblika et"** (A.C. – 29 ta' Mejju 2009) fejn gie enuncjat illi fil-kaz ta' incidenti fuq il-post tax-xoghol, *"is-sistema guridika taghna ma tipprospettax it-teorija ta' "strict liability" fejn id-datur tax-xoghol jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mis-subaltern tieghu indipendentement mill htija ta' l-istess impjegat",* jissottomettu illi mill-provi prodotti ma jirrizulta l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta illi tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place of work.*

Illi dwar l-**Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)** jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem kif gej:-

Ir-**Regolament 4** titolat *"Dmirijiet generali ta' min ihaddem"* jipprovdi illi:-

*"(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem illi jizgura s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett illi ghandu x'jaqsam max-xoghol.*

*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangjamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt illi jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*

(3) *Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol u ghal dan il-ghan ghandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg:*

*Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizzazzjoni u l-mezzi necessarji illi bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurta` mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda wkoll, bl-ghan illi jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggiustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema waqt illi jikkunsidra c-cirkustanzi illi jinbidlu".*

Illi r-**Regolament 5** titolat "Dmirijiet Ulterjuri" mbaghad ikompli:-

*"Minghajr hsara ghall-generalita` tad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara illi jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment:-*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita r-riskji ghas-sahha u s-sigurta`;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema illi ma jistghux jigu evitati, u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*
*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment* fejn *jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment illi jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u illi jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha".*

Illi b'mod aktar specifiku, u b'aktar relevanza ghall-kaz odjern, ir-**Regolament 5 ta' l-Avviz Legali 44 ta' l-2003** jipprovdi illi:-

*"Kull min ihaddem ghandu jara b'mod generali:-*

*(a) Illi kull makkinarju, makna, stallazzjoni, impjant, ghodda, taghmir jew apparat uzat f'post tax-xoghol, kif ukoll illi kull apparat jew taghmir ta' salvatagg intiz biex*

*jevita jew jelimina perikli jkun mizmum b'sistema ta' manutenzjoni kif imiss, u ghandu jirranga jew isewwi kull hsara illi tista' jew x'aktarx tista' teffettwa s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;*

….

*(d) jinforma lill-haddiema u jew lir-rapprezentanti taghhom bil-mizuri kollha ghas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol illi ghandhom jittiehdu fuq il-postijiet tax-xoghol taghhom".*

Illi f'dan l-istadju huwa relevanti li jinghad li l-Perit Tekniku kkonkluda li mhux minnu illi f'cirkostanzi meta jkun hemm partijiet zghar x'jinqatghu minn xibka, l-imqass (bolt cutter) jibda jgerrem, izda pjuttost ir-raguni ghaliex l-imqass in kwistjoni ma qatax ix-xibka tal-malji ta' l-azzar tista' tkun illi l-ponot ta' l-imqass ma kienux jaqtghu bizzejjed (peress illi jew ma kienux jaqtghu, jew kienu mkissrin, jew kienu mxellfa).

Illi in vista ta' dan minn dan jirrizulta li (a) kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta illi tipprovdi lill-impjegati taghha b'ghodda adegwata u mizmuma fi stat ta' manutenzjoni tajba kif kienet obbligata illi taghmel ai termini tar-**Regolament 5 (a) ta' l-Avviz Legali 44 ta' l-2003**; (b) li meta ttiehdet id-decizjoni sabiex minflok l-imqass manwali jintuza c-*chaser*, intuzat sistema aktar ta' perikolu ghaliex il-qtugh tax-xibka bic-*chaser* ta' l-elettriku huwa meqjus bhala l-aktar xoghol perikoluz fl-evalwazzjoni tar-riskju.

Illi dan jindika nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta li b'mod regolari tevalwa r-riskji fuq il-post tax-xoghol, u tiehu dawk il-proceduri necessarji sabiex jigu minimizzati tali riskji ai termini tal-provvedimenti ta' l-**Avviz Legali 36 ta' l-2003.** L-attur xehed illi wara l-indicent *de quo* huwa beda juza l-grinder ta' l-elettriku minflok ic-*chaser* sabiex jaqta' bicciet zghar minn xibka ta' l-azzar. Din il-procedura giet klassifikata mill-esponenti Perit Tekniku bhala prattika ta' xoghol aktar sigur. Issa mill-assjem tal-provi, u partikolarment mix-xhieda ta' l-attur, ma jirrizultax

illi l-grinder kien provdut mis-socjeta` konvenuta qabel ma sehh l-incident. Ghalhekk din il-Qorti tifhem illi l-grinder beda jigi provdut mill-istess socjeta` biss wara l-akkadut. F’dan ir-rigward jinghad li l-fatt li tali mizura ttiehdet biss wara li sehh l-incident *de quo* tkompli tikkonferma kemm verament is-socjeta` konvenuta naqset milli taghmel *risk assessment* b’mod regolari u illi tiehu l-mizuri relattivi necessarji sabiex jigu minimizzati r-riskji fuq il-post tax-xoghol, u dana peress illi tali mizura preventiva l-istess socjeta` setghet haditha, u messha haditha, qabel l-akkadut (**“Robert Camilleri vs Malta Ship Building Company Limited et”** (A.C. - 24 ta’ Settembru 2004).

Illi il-Perit Tekniku elenka lista ta’ taghmir protettiv illi kellu jigi introdott fuq il-lant tax-xoghol partikolari, fosthom *safety goggles* (illi l-attur jinsisti illi ma kienx provdut bih), u *barrier* bejn l-operatur tac-*chaser* u l-persuni l-ohrajn fuq il-post tax-xoghol, illi mill-provi ma jirrizultax illi kien prezenti fuq il-lant tax-xoghol mertu ta’ dawn il-proceduri.

Illi dana jindika nuqqas ulterjuri da parti tas-socjeta` konvenuta illi naqset mill-obbligu taghha illi tipprovdi lill-impjegati taghha b’taghmir adegwat ai termini tar-**Regolament 10 ta’ l-Avviz Legali 36 ta’ l-2003, kif ukoll ai termini ta’ l-Avviz Legali 424.21**. Dan apparti li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Bonello lanqas biss kellhom idea ta’ x’inhu *risk assessment* jew tahrig dwar is-Sigurta` u s-Sahha fuq il-Post tax-Xoghol.

Illi fl-ahhar nett il-Qorti taghmel referenza ghall-konkluzjoni tal-Perit Tekniku fis-sens illi kieku l-mizuri su-elenkati ttiehdu, allura l-incident *de quo* seta’ facilment jigi evitat, u tissottometti illi f’dan il-kaz jirrizulta kjarament illi ghal dan l-incident kienet responsabbli s-socjeta` konvenuta illi naqset illi tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place of work*.

Illi dwar il-likwidazzjoni ta’ danni la darba giet stabbilita l-kwistjoni ta’ responsabilita` ghall-incident, dwar id-danni tat-tip *lucrum cessans* jirrizulta li skond li l-attur jissottometti illi l-introjtu annwali bazi illi ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni ghall-finijiet tad-danni taht dan il-kap

huwa fl-ammont ta' €10,780.34, ossia l-introjtu gross annwali tieghu fis-sena 2004 meta sehh l-incident de quo. Tali cifra effettivament tirrizulta mill-provi, u l-konvenuti irregistraw qbil ma' l-istess fin-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva taghhom.

Illi l-attur inoltre jissottometti li dan l-introjtu bazi ghandu jizdied b'hamsin fil-mija ta' l-introjtu illi huwa kien jippercepixxi mis-sahra (*overtime allowance*) illi huwa ppercepixxa fis-sena 2003. L-argument ta' l-attur huwa fis-sens illi fil-qasam tax-xoghol tieghu, is-sahra hija regolari u kostanti, tant illi l-eventwalita` illi ma jkollux sahra hija eccezzjoni.

Illi mill-provi prodotti, dwar l-introjtu illi l-attur ipprecepixxa mis-sahra tul is-snin ta' impieg mas-socjeta` konvenuta, jirrizulta s-segwenti:-

- Fis-sena 2003 l-attur kellu *overtime allowance* fl-ammont ta' €3,546.05;

- Fis-sena 2006 l-attur kellu *overtime allowance* fl-ammont ta' €3,598.88;

- Fis-sena 2008 l-attur kellu *overtime allowance* fl-ammont ta' €9,544.38.

Illi minn dan jirrizulta illi l-attur verament kellu sahra regolari u kostanti. Il-konvenuti jargumentaw illi l-pretensjoni ta' l-attur illi l-introjtu bazi ghandu jinkorpora wkoll nofs l-*overtime allowance* fis-sena 2003, ma ghandha l-ebda bazi legali. Izda fis-sentenza gja msemmija ta' **"Robert Camilleri vs Malta Ship Building Company Limited et"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) fejn gie enuncjat is-segwenti:-

*"Dwar lucrum cessans, din il-Qorti hija invece tal-fehma illi hemm validita` kemm f'dak illi gie sottomess min-naha ta' l-appellanti*[1] *kif ukoll min-naha ta' l-appellat. Fil-fatt hija jidhrilha illi sabiex issir gustizzja l-ammont f'overtime u*

*f'allowances kellu jinghata, jew ahjar jigi kalkolat fuq bazi ta' hamsin fil-mija (50%) fuq l-ammont totali. Dana ghaliex min-naha l-wahda mhux gust kif zbaljatament argumentat mis-socjeta` appellanti illi ladarba tali hlas mhux parti integrali mill-paga allura ma kien dovut qatt u f'ebda ammont; u min-naha l-ohra lanqas ma huwa gust illi jitqies illi dawn il-hlasijiet ta' overtime u allowances huma dovuti bid-dritt u bla interruzzjoni minghajr il-possibilita` ta' fluttwazzjoni jew varjazzjonijiet minn sena ghal ohra".*

Illi in vista ta' dan hija korretta s-sottomissjoni ta' l-attur dwar is-sahra.

Illi ma dan l-attur jidher li kellhu kellu wkoll beneficcju *(daily allowance)* ta' €4.66 ghal kull gurnata xoghol illi jahdem mit-Tnejn sas-Sibt, u cioe` €1,453.92 fis-sena. Tali beneficcju kien garantit, in kwantu l-attur ma kienx ikun intitolat ghall-istess biss jekk ma jattendix ghax-xoghol. Ghalhekk l-introjtu annwu bazi ta' l-attur ghandu jinkludi wkoll dan il-beneficcju illi effettivament huwa parti integrali mis-salarju u ghalhekk il-Qorti sejra tibbaza l-kunsiderazzjonijiet taghha ghall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni fuq introjtu annwu bazi ta' €14,033.70, ikkalkolat kif gej: -

(a) L-introjtu gross ta' l-attur fis-sena 2004 (liema introjtu ma jinkludix *overtime allowance*s u daily allowances) - €10,780.34;

(b) allowance ta' €4.66 ghal kull jum xoghol illi l-attur jattendi bejn it-Tnejn u s-Sibt - €1,453.92

(c) 50% ta' l-*overtime allowance* ta' l-attur fis-sena 2003 - €1,799.44;

Illi dwar l-inflazzjoni tul is-snin jigi relevat li l-kuncett ta' l-inflazzjoni fil-kalkolu tad-danni lucrum cessans huwa rikonoxxut b'gurisprudenza kostanti fis-sistema guridika taghna **("Joseph Galea et vs Charles Fenech pro et noe"** A.C. - 16 ta' Marzu 2004), u jidher f'dan il-kaz l-applikazzjoni tal-percentagg ta' 17% jidher illi huwa sorrett

mill-fatt illi analizi tas-sentenzi varji twassal ghal gudizzju illi dan il-percentagg, f'dan il-kaz, huwa gust u allura dan huwa l-percentagg li ser jigi addotta fil-kalkoli taghha.

Illi dwar il-*multiplier* l-attur jissottometti illi f'dan il-kaz ghandu jigi applikat multiplier ta' sbatax-il sena peress illi fid-data ta' l-incident huwa kellu tlieta u hamsin sena, u huwa kellu l-intenzjoni illi jibqa' jahdem sa l-eta` ta' sebghin sena fil-waqt li l-konvenuti min-naha l-ohra jeccepixxu illi tali multiplier mhux realistiku, u jinsistu illi f'dan il-kaz, dana ma ghandux jeccedi l-ghaxar snin.

Illi skond is-sentenzi nostrali jirrizulta li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed ghandu jiehu in kunsiderazzjoni *c-chances and changes of life.* Huwa facli ghall-attur li jissottometti illi huwa kellu l-intenzjoni illi jibqa' jahdem sakemm jaghlaq is-sebghin sena, pero` wiehed irid ukoll jikkunsidra l-probabilitajiet tal-hajja, specjalment meta l-eta` pensjonabbli fil-kaz ta' l-attur hija ta' wiehed u sittin sena (**artikolu 4 tal-Kap. 318)** u tenut kont ukoll tan-natura pjuttost iebsa tax-xoghol manwali illi kien jaghmel l-attur.

Illi hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Diane Chircop vs Angelo Cassar"** (P.A. (LFS) – 15 ta' Gunju 2009), fejn gie indikata skeda ta' *multipliers* skond l-eta` tal-vittma, u dan bil-ghan illi jkun hemm certu uniformita` f'kazijiet simili. Skond din l-istess skeda, ghal persuna illi jkollha bejn 51 u 55 sena fiz-zmien illi ssoffri d-dannu, ghandu japplika multiplier massimu ta' 11-il sena. Dan huwa konformi mal-gurisprudenza stabbilita, tenut kont l-eta` pensjonabbli u l-kontingenzi tal-hajja u ghalhekk qed jig applikat multiplier ta' ghaxar snin huwa adegwat f'dan il-kaz.

Illi dwar id-dizabilita` permanenti sofferta mill-attur Mr. Ivan Vella, inkarigat bhala Espert Mediku kkonkluda illi l-attur soffra dizabilita` permanenti ta' 14% bhala rizultat ta' l-incident *de quo* u ghalkemm dan il-percentagg gie kontestat mill-konvenuti xorta jibqa' l-fatt li din hija konkluzjoni medika li din il-Qorti ghandha taddota ghaliex l-unika konkluzzjonijiet medici disponibbli u li ma humiex

ex parte u dan anke fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **"Middlesea Insurance Company Limited vs Stuart Psaila"** (P.A. (NC) – 8 ta' Ottubru 2004) fis-sens li:-

*"Il-fatt illi persuna dizabilitata tkun qieghda tahdem wara l-incident, anke jekk qieghda taqla' izjed minn qabel, ma jfissirx illi hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita` necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss ma' l-employer prezenti izda wkoll ma' terzi jew anke jekk tahdem ghal rasha".*

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-percentagg ta' dizabilita` raggunt mill-Espert Mediku f'dan il-kaz, u cioe` dizabilita` permanenti ta' 14%.

Illi f'dan il-kaz ghandhu jkun hemm riduzzjoni in vista tal-lump sum payment fuq l-iskorta ta' dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Maria Dolores Celeste vs Nicola Anne De Bono"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2008) fejn inghad li *"ghall dak li huwa maghruf bhala lump sum payment hemm is-sentenza **"Maria Debono vs Andrew Vaswani"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li:-*

*"Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika ("**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**", Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-percentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat l-hlas ta' imghax mid-data li giet ikkagunta l-hsara (Vide **"Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri",** Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghall lump sum payment beda jigi ridott b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza".* (Ara wkoll **"Concetta Brooks vs Emanuela Sare'** (P.A. – 12 ta' Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

Illi għalhekk jirrizulta li għaddew kwazi tmien snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba dan huwa l-kaz ma ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 4% ghall lump sum payment tenut kont li ghaddew 8 snin mid-data ta' l-incident sad-data ta' din is-sentenza u dan iktar u iktar japplika meta f'dan il-kaz id-dannegant ma kellhux ebda htija fid-dewmien tal-kawza, u ghalhekk dan it-tnaqqis bhala lump sum deduction ghandu jsir skond kif deciz fis-sentenza **"Giuseppe Agius et vs Tarcisio Fenech"** (A.C. - 29 ta' Ottubru 2003).

In vista tal-fuq premess il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillikwida d-danni tat-tip lucrum cessans sofferti mill-attur f'dan il-kaz kif gej: -

Introjtu annwali bazi ta' €14,033.70 (ossia l-introjtu annwali gross ta' l-attur fis-sena 2004 piu` l-beneficcji (daily allowance), u 50% ta' l-ammonti kollha percepiti mill-attur fis-sena 2003 in vista tas-sahra (*overtime allowance*)]

x Inflazzjoni bir-rata ta' 17%

x Multiplier ta' 10 snin

x Dizabilita` permanenti ta' 14%

€14,033.70 + €2,885 = €16,419.31 x 10 = €164,193.10 x 14 = €22,987.03 li minnu ma ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 4% ekwivalwenti ghal €919.48 li jwassal ghall-ammont ta' €22,067.55 .

Illi dwar danni tat-tip *damnum emergens* l-attur ikkwantifika d-danni minnu sofferti taht dan il-kap fl-ammont ta' €1,458.19, rapprezentanti *d-daily allowance* ta' €4.66 illi huwa tilef tul il-perijodu bejn it-28 ta' Mejju

2004 u d-29 ta’ Mejju 2005 meta huwa kien fuq l-*injury leave*. Il-konvenuti rregistraw qbil f’dan ir-rigward u ghalhekk l-ammont ta’ danni li qed jigi likwidat huwa ta’ €22,067.55 + €1,458.19 ghall total ta’ €23,525.74.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut George Bonello fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu datata 20 ta’ Settembru 2005, u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Attard Bros. Company Limited fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha datata 20 ta’ Settembru 2005 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

(1) Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta Attard Bros. Company Limited hi responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur u ghad-danni konsegwenzjali.

(2) Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€23,525.74)

(3) Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Attard Bros. Company Limited thallas lill-attur id-danni hekk likwidati fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€23,525.74).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Gunju 2005, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta Attard Bros. Company Limited, dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------